# Network Dinji ta' Talb mal-Papa

Adorazzjoni skont il-Fehma tal-Papa Frar 2017



Merħba! Il-Papa Franġisku jistidinna sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu sabiex dawk kollha mġarrbin bit-tbatija, speċjalment il-foqra, ir-refuġjati u dawk emarġinati, isibu lil min jilqagħhom u jgħinhom fil-komunitajiet tagħna.

**Qari:** *Mid-diskors ta' Papa Franġisku waqt udjenza ġenerali f'Mejju 2016*

Illum nixtieq nitkellem magħkom fuq il-parabbola tal-għani u l-fqajjar Lazzru. Il-ħajja ta' dawn iż-żewġ persuni donnha miexja fuq żewġ binarji paralleli: il-kundizzjonijiet ta' ħajjithom huma opposti għal xulxin u b'ebda komunikazzjoni bejniethom. Il-bieb tad-dar tal-għani dejjem magħluq għall-fqir, li jinxteħet hemm barra, ifittex x'jiekol miż-żejjed li jaqa' minn fuq il-mejda tal-għani. Dan ixidd ilbies fin, waqt li Lazzru mimli ġrieħi ma' ġismu kollu; l-għani ta' kuljum jagħmel ikla mill-aqwa, waqt li Lazzru qed imut bil-ġuħ. Il-klieb biss jieħdu ħsieb tiegħu, u jiġu jilagħqu l-ġrieħi tiegħu. Din ix-xena tfakkarna fiċ-ċanfira qalila ta' Bin il-bniedem fil-Ġudizzju finali: "Kont bil-ġuħ u ma tmajtunix, kont bil-għatx u ma sqejtunix, kont għeri u ma libbistunix" (Mt 25:42-43). Lazzru jirrappreżenta tajjeb ħafna l-karba siekta tal-foqra ta' kull żmien u l-kontradizzjonijiet ta' dinja fejn l-għana u r-riżorsi kbar huma f'idejn il-ftit.

.... Li tinjora lill-fqir ifisser tistmerr lil Alla! Dan jeħtieġ nitgħallmuh waħda u sew: meta tinjora lill-fqir tkun qed iżżeblaħ lil Alla.

Mulej, Jien żgur li ma nixtieqx inżebilħek!
Żgur li ma nixtieqx nistmerrek, Mulej!
Imma meta nisma' l-kliem ta' Papa Franġisku, nistaqsi lili nnifsi:-
Imma jien x'qed nagħmel biex nilqa' u ngħin lill-foqra, lill-emarġinati u lir-refuġjati?
Wisq nibża', Mulej, li lili int ser iċċanfarni,
ser tgħidli li mhux qed nagħmel biżżejjed,
ser tgħidli : "Kont bil-ġuħ u ma tmajtnix, kont bil-għatx
u ma sqejtnix, kont għeri u ma libbistnix."
U jien x'se nwieġbek Mulej?
Emminni, ma nafx x'se nwieġbek għax forsi m'għamiltx ġid biżżejjed f'ħajti.

Malli qrajt il-fehma tal-Papa għal dan ix-xahar
mill-ewwel ġew quddiem għajnejja
dawk l-eluf ta’ refuġjati li kellhom jaħarbu minn djarhom
mis-Sirja minħabba l-gwerra,
u spiċċaw f’din ix-xitwa kiesħa;
maqbudin f’kampijiet, ħafna minnhom bla saqaf taħt rashom!
Mulej, inħoss li l-problema hi wisq kbira,
u li jien ma nista’ nagħmel propju xejn.
Għalhekk nixtieq nafdahom f’idejk; ħu ħsiebhom int
u ibagħtilhom l-għajnuna li għandhom bżonn.
Nixtieq nafda f’idejk ukoll
lil dawk li qed iħossuhom abbandunati fl-Italja
minħabba li jinsabu bla dar minħabba t-terremoti li qed jagħmlu,
u li qed jgħixu f’kampijiet u campers f’din il-kesħa.
Nixtieq nafda wkoll lil dawk il-ħafna li jgħixu barra,
li m’għandhomx dar, li jgħixu bil-karità,
u lill-foqra li m’għandhomx għaxja ta’ lejla.
Imma nistħajlek tgħidli: U fil-komunità fejn tgħix, x’inti tagħmel?
Kemm qed tiskomoda ruħek biex tagħti daqqa t’id,
biex tagħmel dak il-pass żejjed biex tersaq qrib
il-batut, il-fqir u dak li qed iħossu waħdu?
Mulej, nitolbok sabiex tiftaħli għajnejja ħalli nħares madwari,
ħalli nkun sensittiv/a biżżejjed biex ninduna li hemm ħija jew oħti fil-bżonn,
ħalli nkun pront/a biex ngħin lil min iħossu waħdu,
ħalli ninduna li int qiegħed hemm, fil-batut, fil-fqir, f’min qiegħed waħdu,
f’min iħossu mwarrab, f’min hu marid.
Tħalli qatt, Mulej, li nkun ħati/ja li żeblaħtek u stmerrejtek.

**KANT**

**Qari:** *Diskors tal-Papa Franġsiku waqt laqgħa mal-anzjani fis-sena 2014*

Iżda mhux kull persuna anzjana, kull nannu jew nanna, għandu/ha familja li tista’ tieħu ħsiebu jew ħsiebha. U għalhekk ħaġa tajba li jkollna djar għall-anzjani... jalla jkunu djar ta’ veru u mhux ħabsijiet! ........ M'għandhomx ikunu istituzzjonijiet fejn l-anzjani jgħixu minsija,

moħbija u ttraskurati ......... Id-djar għall-anzjani għandhom ikunu "pulmuni" tal-umanità f'belt, f'lokal jew f'parroċċa. Għandhom ikunu "santwarji" tal-umanità fejn, min hu anzjan u dgħajjef, jieħdu ħsiebu u jipproteġuh bħal ħuhom il-kbir jew oħthom il-kbira........

Madankollu, ir-realtà hi li l-anzjani qed jiġu abbandunati: l-anzjani spiss qed jiġu mwarrbin b'attitudni ta 'abbandun'. Din attwalment tista' ssejħilha ewtanasja vera u moħbija! Hija r-riżultat ta' kultura "uża u armi", li qed tagħmel tant ħsara fid-dinja tal-lum. Lit-tfal qed narmuhom, liż-żgħażagħ qed narmuhom, għaliex m'għandhomx xogħol, u lill-anzjani narmuhom bl-iskuża li rridu nżommu l-ekonomija "bilanċjata". Hija kultura li għandha fiċ-ċentru tagħha mhux il-persuna umana iżda l-flus. Aħna lkoll msejħin biex nopponu din il-kultura valenuża li tarmi kollox!

Aħna l-Insara, flimkien man-nies kollha ta' rieda tajba, aħna msejħin biex nibnu soċjetà iktar diversa, li tkun lesta li tilqa', li tkun iktar umana, iktar inklussiva, li ma jkollhiex bżonn tarmi lil dawk li huma dgħajfa f'ġisimhom u f'moħħhom. Bil-kuntrarju għandna bżonn soċjetà li tkejjel is-suċċess tagħha fuq kif tieħu ħsieb il-membri dgħajfa tagħha.

Mulej, is-soċjetà tagħna saret tassew waħda ta' "uża u armi",
Kollox sar jgħaddi, kollox sar m'hu xejn... għax tfajna l-valuri nsara fil-ġenb.
Nitolbok Mulej sabiex tagħmilni aktar konxju/a li hawn min iħossu waħdu;
Li hawn min jgħix waħdu għax forsi armel jew armla
u m'għandux/hiex ma' min j/tgħid kelma jew forsi m'għandux/hiex min iżuru/ha;
li hawn anzjani li huma abbandunati minn uliedhom;
li hawn familji fqar u ma jistgħux ilaħħqu mal-ħajja.
U aħna x'qed nagħmlu bħala komunità?
Agħmel, Mulej, li nkun kapaċi nagħti daqqa t'id lil min ikollu bżonnha.
X'qed nagħmlu Mulej b'ħajjitna?
Qed nagħlqu għajnejna u nsoddu widnejna għall-krib tal-imġarrab?
Mulej, nitolbok sabiex tiftħilna għajnejna ħalli nħarsu madwarna,
ħalli nkunu sensittivi biżżejjed biex nindunaw li hemm ħuna jew oħtna fil-bżonn,
biex nindunaw li hawn min iħossu waħdu jew imwarrab.
Agħtini l-għajnuna ħalli nagħmel il-kuraġġ biex inżur
lil min qed jgħix waħdu jew lil min tilef lil xi ħadd għażiż għalih.
Agħmel, Mulej, li ngħix ħajja ta' servizz lejn min għandu bżonn
xi tip ta' għajnuna fil-komunità fejn ngħix.

**Nitolbu flimkien**

- Mulej, nitolbuk sabiex tifthilna għajnejna ħalli naċċettaw u napprezzaw lil kulħadd, billi nagħrfu niffukaw fuq dak kollu li hu komuni u ta' ġid għalina bħalha komunità.
  Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

- Mulej, għinna sabiex nifhmu li l-uniku mod kif nistgħu tassew inħossuna tajbin f'ħajjitna huwa billi nagħrfu li nuru solidarjetà ma' min hu fil-bżonn.
  Nitolbu..Ismagħna nitolbuk Mulej.

- Mulej, filwaqt li nirringrazzjawk tal-persuni li jridulna l-ġid, nitolbuk biex ma tħalliniex ninsew lil dawk li ma nfittxuhomx għax jidhrilna li m'għandniex bżonnhom. Lil dawn, Missier wittilhom it-triq huma wkoll isibu lil min iwasslilhom il-ħlewwa u l-kobor ta' mħabbtek.
  Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

- Nitolbuk Mulej sabiex tiftħilna moħħna u qalbna sabiex inkunu dejjem nies ta' rieda tajba li nnisslu ferħ u tama fl-oħrajn.
  Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

**KANT**